A.L. 311 ta' l-2003

ATT ta' l-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)

Regolamenti ta' 2003 dwar l-Kriterji għall-Approvazzjoni u s-Superviżjoni ta' Assoċjazzjonijiet ta' Min Irabbi u Organiżżazzjonijiet ta' Trobbija li jistabbilixxu jew iżommu Kotba tal-Merħla għal Majjali tar-Razza Pura għat-Tgħammir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34(b) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop

1. (1) It-Titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 2003 dwar l-Kriterji għall-Approvazzjoni u s-Superviżjoni ta' Assoċjazzjonijiet ta' min Irabbi u Organiżżazzjonijiet ta' Trobbija li jistabbilixxu jew iżommu Kotba tal-Merħla għal Majjali tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta ir-regoli mniżżla taħt id-Deċizjoni tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropeja 89/501/EEC li jistabbilixxi l-kriterji għall-approvazzjoni u s-superviżjoni ta' assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet ta' trobbija li jistabbilixxu jew iżommu kotba tal-merħla għal majjali tar-razza pura għat-tgħammir, u li ssib bażi legali taħt l-Artikolu 6(d) tad-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja 88/661/EEC.

Assoċjazzjonijiet ta' min irabbi jew organizzazjonijiet ta' trobbija li huma approvati ufficjalment

2. Sabiex ikunu approvati uffiċjalment, assoċjazzjonijiet ta' min irabbi jew organizzazzjonijiet ta' trobbija li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħla jridu jissottomettu applikazzjoni lill-awtoritajiet tat-teritorju ta' Malta fejn ikunu jinsabu il-kwartieri ġenerali tagħhom.

"Sieħeb fil-kummerċ" skond kif imfisser fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji għandha tfisser għall dawn ir-regolamenti -

(i) Stati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(ii) Pajjizi terzi fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea.

Approvazzjoni ufficjali moghtija mill-awtoritajiet

3. (1) L-awtoritajiet tat-territorju ta' Malta jew tal-istat membru involut iridu jagħtu approvazzjoni uffiċjali lil kull assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni ta' trobbija li jżommu jew jistabbilixxu kotba tal-merħla, jekk din issegwi l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda.

(2) Madanakollu, fit-territorju ta' Malta jew fi stat membru li fih, għal razza partikolari, diġa teżisti assoċjazzjoni ta' min irabbi approvata jew organizzazzjoni ta' trobbija approvata, l-awtoritajiet tat-territorju ta' Malta jew ta' stat membru involut jistgħu jirrifjutaw li jirrikonoxxu assoċjazzjoni ġdida ta' min irabbi jew organizzazzjoni

ġdida ta' trobbija jekk din tipperikola l-preservazzjoni tar-razza jew tipperikola l-programm żootekniku ta' l-assoċjazzjoni jew organizzazzjoni eżistenti. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-pajjiżi sħab fil-kummerċ jew lill-Kummissjoni Ewropea relevanti dwar aprovazzjonijiet mogħtija u rifjut li jingħata rikonoxximent.

Meta l-approvazzjoni ufficjali għandha tigi rtirata

4. L-awtoritajiet għandhom jirtiraw l-approvazzjoni uffiċjali lil kull assoċjazzjoni ta' min irabbi jew organizzazzjoni ta' trobbija li żżomm kotba tal-merħla, jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Iskeda ma jibqgħux ikunu segwiti b'mod persistenti mill-assoċjazzjoni ta' min irabbi jew l-organizzazzjoni ta' trobbija involuta.

SKEDA

Sabiex ikunu approvati uffiċjalment, assoċjazzjonijiet ta' min irabbi u organizzazzjonijiet ta' trobbija li jżommu jew jistabbilixxu ktieb tal-merħla jridu:

1. ikollhom personalità legali skond il-leġislazzjoni fis-seħħ fit-teritorju ta' Malta jew fil-pajjiz sieheb fil-kummerc fejn issir l-applikazzjoni;

2. turi lill-awtoritajiet kompetenti:
(a) li jistgħu joperaw b'mod effiċjenti;
(b) li jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa biex jirrekordjaw *pedigrees;*
(ċ) li għandhom merħla kbira biżżejjed biex iwettqu programm ta' titjib tar-razza, jew li għandhom merħla kbira biżżejjed biex tkun preservata r-razza, fejn dan jitqies meħtieġ;
(d) li jistgħu jużaw il-*livestock performance data* meħtieġ biex iwettqu t-titjib tar-razza jew il-programm ta' preservazzjoni tagħhom;

3. ikollhom ġabra ta' regoli li jkopru:
(a) id-definizzjoni tal-karatteristiċi tar-razza (jew razez);
(b) is-sistema biex ikunu identifikati l-annimali;
(ċ) is-sistema biex ikunu rrekordjati *pedigrees;*
(d) id-definizzjoni ta' l-oġġettivi tagħhom għat-tgħammir;
(e) is-sistemi biex isir użu mil-*livestock performance data*, li tgħin ikun assessjat il-valur ġenetiku ta' l-annimali;
(f) it-tqassim tal-ktieb tal-merħla, jekk ikun hemm kondizzjonijiet differenti biex jiddaħħlu l-annimali jew jekk ikun hemm proċeduri differenti biex ikunu klassifikati l-annimali mdaħħla fil-ktieb;

4. ikollhom artikli ta' assoċjazzjoni, li jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn il-membri.